**KUNSILL EWROPEW**

**Brussell, 27 ta' Ġunju 2014**
**(OR. en)**

**EUCO 79/14**

**CO EUR 4**
**CONCL 2**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | **KUNSILL EWROPEW**<br>**26/27 TA' ĠUNJU 2014**<br><br>**KONKLUŻJONIJIET** |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (26/27 ta' Ġunju 2014).

*Il-Kunsill Ewropew qabel li jipproponi lil Jean-Claude Juncker lill-Parlament Ewropew bħala kandidat għall-President tal-Kummissjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, huwa qabel dwar l-aġenda strateġika ta' prijoritajiet ewlenin għall-ħames snin li ġejjin. Huwa jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ dawn il-prijoritajiet fil-ħidma tagħhom.*

*Il-Kunsill Ewropew iddefinixxa l-linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġislattiv u operazzjonali għas-snin li ġejjin fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ara aktar 'l isfel taħt il-Kapitolu I) u indirizza wkoll xi kwistjonijiet orizzontali relatati. Huwa kkonkluda s-Semestru Ewropew 2014 u appella għal sforzi addizzjonali sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa sabiex tikber u toħloq iktar impjiegi. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tal-progress li sar lejn deċiżjoni finali f'Ottubru dwar qafas politiku għall-klima u l-enerġija 2030 u appoġġa l-implimentazzjoni immedjata ta' sett ta' miżuri l-aktar urġenti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa u tiżdied is-sigurtà tal-enerġija tagħha. Bħala parti mit-tħejjijiet għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru, il-Kunsill intalab ikompli janalizza miżuri oħra għal perijodu medju u fit-tul biex tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija tal-UE.*

*Il-Kunsill Ewropew laqa' l-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, li jinkludu Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja u r-Repubblika tal-Moldova, kif ukoll l-iffirmar tal-bqija tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina.*

## I. LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

1. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Unjoni huwa li jinbena spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali. Għal dan l-għan, jeħtieġ li jittieħdu miżuri politiċi koerenti fir-rigward tal-asil, l-immigrazzjoni, il-fruntieri, il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, f'konformità mat-Trattati u l-Protokolli rilevanti tagħhom.

2. Id-dimensjonijiet kollha ta' Ewropa li tipproteġi ċ-ċittadini tagħha u toffri drittijiet effettivi lil persuni ġewwa u barra l-Unjoni huma interkonnessi. Is-suċċess jew il-falliment f'qasam wieħed jiddependi fuq il-prestazzjoni f'oqsma oħra kif ukoll fuq is-sinerġiji ma' oqsma ta' politika relatati. Ir-risposta għal ħafna mill-isfidi fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tinsab f'relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, u dan jitlob titjib tar-rabta bejn il-politiki interni u esterni tal-UE. Dan għandu jkun rifless fil-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.

3. B'kontinwazzjoni mal-programmi tal-passat, il-prijorità ġenerali issa hi li l-istrumenti legali u l-miżuri politiċi fis-seħħ jiġu trasposti b'mod konsistenti, jiġu implimentati b'mod effettiv u jiġu kkonsolidati. L-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali, filwaqt li jintuża l-potenzjal sħiħ tal-innovazzjonijiet tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni, it-tisħiħ tar-rwol tal-aġenziji differenti tal-UE u l-iżgurar tal-użu strateġiku tal-fondi tal-UE ser ikunu importanti.

4. Fl-iżvilupp ulterjuri tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fis-snin li ġejjin, ser ikun kruċjali li jiġu żgurati l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-protezzjoni tad-data, filwaqt li jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sigurtà, ukoll f'relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, u li jiġi adottat qafas Ġenerali b'saħħtu tal-UE għall-Protezzjoni tad-Data sal-2015.

5. Hi u tiffaċċja l-isfidi bħall-instabbiltà f'bosta partijiet tad-dinja kif ukoll ix-xejriet demografiċi globali u Ewropej, l-Unjoni teħtieġ politika dwar il-migrazzjoni, l-asil u l-fruntieri effiċjenti u ġestita tajjeb, iggwidata mill-prinċipji tat-Trattat ta' solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, f'konformità mal-Artikolu 80 TFUE u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu. Hemm il-ħtieġa ta' approċċ komprensiv, li jottimizza l-benefiċċji tal-migrazzjoni legali u joffri protezzjoni lil dawk fil-bżonn filwaqt li jindirizza l-migrazzjoni irregolari b'mod determinat u jiġġestixxi l-fruntieri esterni tal-UE b'mod effiċjenti.

6. Sabiex tibqa' destinazzjoni attraenti għal talenti u ħiliet, l-Ewropa għandha tiżviluppa strateġiji sabiex jiġu massimizzati l-opportunitajiet tal-migrazzjoni legali permezz ta' regoli koerenti u effiċjenti, u msawra permezz ta' djalogu mal-komunità tan-negozju u l-imsieħba soċjali. L-Unjoni għandha wkoll tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex isegwu politiki ta' integrazzjoni attiva li jrawmu l-koeżjoni soċjali u d-dinamiżmu ekonomiku.

7. L-impenn tal-Unjoni għal protezzjoni internazzjonali jeħtieġ politika tal-asil Ewropea b'saħħitha bbażata fuq is-solidarjetà u r-responsabbiltà. It-traspożizzjoni sħiħa u l-implimentazzjoni effettiva tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) huma prijorità assoluta. Dan għandu jirriżulta fi standards komuni għoljin u f'kooperazzjoni aktar b'saħħitha, li joħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fejn dawk li jfittxu l-asil jingħataw l-istess garanziji u protezzjoni proċedurali fl-Unjoni kollha. Dan għandu jmur id f'id ma' rwol imsaħħaħ tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), b'mod partikolari fil-promozzjoni tal-applikazzjoni uniformi tal-acquis. Prattiki konverġenti ser isaħħu l-fiduċja reċiproka u jippermettu li ngħaddu għall-passi li jmiss fil-futur.

8. L-indirizzar tal-kawżi bażiċi tal-flussi migratorji irregolari huwa parti essenzjali tal-politika dwar il-migrazzjoni tal-UE. Dan, flimkien mal-prevenzjoni u t-trattament tal-migrazzjoni irregolari, ser jgħin biex jiġi evitat it-telf ta' ħajjiet ta' migranti li jitilqu għal vjaġġi perikolużi. Soluzzjoni sostenibbli tista' tinstab biss billi tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu, inkluż permezz ta' għajnuna biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom ta' ġestjoni tal-flussi migratorji u tal-fruntieri. Il-politiki dwar il-migrazzjoni għandhom isiru parti integrali ħafna aktar b'saħħitha tal-politiki esterni u tal-iżvilupp tal-Unjoni, li japplikaw il-prinċipju "aktar għal aktar" u li jibnu fuq l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà. L-enfasi għandha tkun fuq l-elementi li ġejjin:

- it-tisħiħ u l-espansjoni tal-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali, b'mod partikolari qrib reġjuni tal-oriġini, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-UNHCR; iż-żieda tal-kontribut għal sforzi globali ta' risistemazzjoni, b'mod partikolari minħabba l-kriżi attwali protratta fis-Sirja;

- jiġu indirizzati l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u t-traffikar tal-bnedmin b'mod aktar qawwi, b'enfasi fuq pajjiżi u rotot prijoritarji;

- l-istabbiliment ta' politika ta' ritorn komuni effettiva u l-infurzar ta' obbligi ta' riammissjoni fi ftehimiet mal-pajjiżi terzi;

- l-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet identifikati mit-Task Force għall-Mediterran.

9. L-istabbiliment taż-żona Schengen, li tippermetti persuni li jivvjaġġaw mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, u l-għadd dejjem jiżdied ta' nies li jivvjaġġaw lejn l-UE jeħtieġu ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-UE biex tiġi żgurata protezzjoni qawwija. L-Unjoni għandha timmobilizza l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom. Għal din il-għan:

- il-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri tal-fruntieri esterni għandha tiġi modernizzata b'mod kosteffettiv biex tiżgura ġestjoni intelliġenti tal-fruntieri b'sistema ta' dħul/ħruġ u programm ta' vjaġġaturi reġistrati u megħjuna mill-Aġenzija l-ġdida għal Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira (eu-LISA);

- il-Frontex, bħala strument ta' solidarjetà Ewropea fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, għandha ssaħħaħ l-assistenza operazzjonali tagħha, b'mod partikolari billi tappoġġa lil Stati Membri li qed jiffaċċjaw pressjoni qawwija fil-fruntieri esterni, u żżid ir-reattività tagħha lejn l-evoluzzjonijiet rapidi fil-flussi migratorji, billi tagħmel użu sħiħ mis-sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri EUROSUR il-ġdida;

- fil-kuntest tal-iżvilupp fuq perijodu twil tal-Frontex, għandha tiġi esplorata l-possibbiltà li titwaqqaf sistema Ewropea ta' gwardji tal-fruntiera biex jissaħħu l-kontroll u l-kapaċitajiet ta' sorveljanza fil-fruntieri esterni tagħna.

Fl-istess ħin, il-politika komuni dwar il-viżi għandha tiġi modernizzata billi jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu u tissaħħaħ il-kooperazzjoni konsulari lokali ta' Schengen filwaqt li jinżamm livell għoli ta' sigurtà u tiġi implimentata s-sistema l-ġdida ta' governanza ta' Schengen.

10. Huwa essenzjali li jkun hemm garanzija ta' spazju ġenwin ta' sigurtà għaċ-ċittadini Ewropej permezz ta' kooperazzjoni operazzjonali tal-pulizija u permezz tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, inkluż it-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin tal-bnedmin, kif ukoll il-korruzzjoni. Fl-istess ħin, hija meħtieġa politika tal-UE effikaċi kontra t-terroriżmu, fejn l-atturi rilevanti kollha jaħdmu flimkien mill-qrib, u jintegraw l-aspetti interni u esterni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jerġa' jafferma r-rwol tal-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu. Fil-ġlieda tagħha kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, l-Unjoni għandha tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali billi timmobilizza l-istrumenti kollha ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija, bi rwol imsaħħaħ ta' koordinazzjoni għall-Europol u l-Eurojust, inkluż permezz ta':

- ir-rieżami u l-aġġornament tal-istrateġija tas-sigurtà interna sa nofs l-2015;
- it-titjib fl-iskambji ta' informazzjoni transkonfinali, inkluż dwar rekords kriminali;
- l-iżvilupp ulterjuri ta' approċċ komprensiv għas-sigurtà ċibernetika u ċ-ċiberkriminalità;
- il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu u azzjoni biex jiġi indirizzat il-fenomenu tal-ġellieda barranin, inkluż permezz tal-użu effettiv tal-istrumenti eżistenti għal twissijiet madwar l-UE kollha u l-iżvilupp ta' strumenti bħas-sistema tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri tal-UE.

11. Il-funzjonament bla xkiel ta' spazju ta' ġustizzja tassew Ewropew li jirrispetta s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri huwa vitali għall-UE. F'dan ir-rigward, il-fiduċja reċiproka fis-sistemi ġudizzjarji ta' xulxin għandha tissaħħaħ aktar. Politika Ewropea tajba tal-ġustizzja ser tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku billi tgħin lin-negozji u lill-konsumaturi jibbenefikaw minn ambjent kummerċjali affidabbli fi ħdan is-suq intern. Hija meħtieġa aktar azzjoni biex:

- tiġi promossa l-konsistenza u ċ-ċarezza tal-leġislazzjoni tal-UE għaċ-ċittadini u n-negozji;
- jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-ġustizzja; jiġu promossi rimedji effettivi u l-użu ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi inkluż l-użu tal-ġustizzja elettronika;

- ikomplu l-isforzi biex jissaħħu d-drittijiet ta' persuni akkużati u suspettati fi proċedimenti kriminali;
- jiġi eżaminat it-tisħiħ tad-drittijiet tal-persuni, b'mod partikolari t-tfal, fi proċedimenti biex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' sentenzi fil-liġi tal-familja u f'materji ċivili u kummerċjali b'implikazzjonijiet transkonfinali;
- tissaħħaħ il-protezzjoni tal-vittmi;
- jitjieb ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet u sentenzi f'materji ċivili u kriminali;
- jissaħħu l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri;
- jiġu miġġielda mġiba frodulenti u danni għall-baġit tal-UE, inkluż billi jsir progress fin-negozjati dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew;
- jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transkonfinali u l-kooperazzjoni operazzjonali;
- jissaħħaħ it-taħriġ għall-professjonisti;
- jiġi mobilizzat l-għarfien espert ta' aġenziji rilevanti tal-UE bħall-Eurojust u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA).

12. Bħala waħda mil-libertajiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqalqu liberament u jgħixu u jaħdmu fi Stati Membri oħra jeħtieġ li jiġi protett, inkluż minn użu ħażin possibbli jew talbiet frodulenti.

13. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jiżguraw is-segwitu leġislattiv u operazzjonali xieraq għal dawn il-linji gwida u ser jorganizza rieżami ta' nofs it-terminu fl-2017.

## II. TKABBIR, KOMPETITTIVITÀ U IMPJIEGI

### A. IS-SEMESTRU EWROPEW

14. Sinjali reċenti ta' rkupru ekonomiku huma inkoraġġanti u juru li l-isforzi konġunti tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE qed iħallu l-frott. Reġa' qed ikun hemm tkabbir u hemm żieda modesta fl-impjiegi, għalkemm f'ħafna partijiet tal-Ewropa, il-qgħad - b'mod partikolari il-qgħad taż-żgħażagħ - għadu f'livelli mingħajr preċedent u inaċċettabbli. Il-faqar u l-esklużjoni soċjali jibqgħu preokkupazzjonijiet prinċipali.

15. Grazzi għall-isforzi tal-Istati Membri, il-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi għamlet progress u l-finanzi pubbliċi qed ikomplu jitjiebu. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-abrogazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv għal diversi Stati Membri. Għandhom jintużaw il-possibbiltajiet offruti mill-qafas fiskali eżistenti tal-UE biex tiġi bbilanċjata d-dixxiplina fiskali mal-ħtieġa li jiġi appoġġat it-tkabbir. Bil-livelli tad-dejn u l-qgħad li qed ikunu għoljin b'mod persistenti u t-tkabbir nominali baxx tal-PDG, kif ukoll bl-isfidi ta' soċjetà li qed tixjiħ u l-appoġġ għall-ħolqien tax-xogħol, partikolarment għaż-żgħażagħ, il-konsolidazzjoni fiskali għandha tkompli b'manjiera li tiffavorixxi t-tkabbir u differenzjata. Ir-riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir u jtejbu s-sostenibbiltà fiskali għandhom jingħataw attenzjoni partikolari, inkluż permezz ta' valutazzjoni adatta ta' miżuri fiskali u riformi strutturali, filwaqt li jsir l-aħjar użu tal-flessibbiltà integrata fir-regoli eżistenti tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-qafas ta' governanza tal-UE sal-14 ta' Diċembru 2014, kif previst fil-liġi tal-UE ('6-Pack' u '2-Pack').

16. L-irkupru għadu fraġli u irregolari u l-isforzi biex jiġu implimentati r-riformi strutturali li jtejbu t-tkabbir għandhom jitkomplew u jittejbu sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Ewropa li tikber u toħloq iktar impjiegi u impjiegi aħjar. Tinħtieġ aktar azzjoni biex jitnaqqas il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol, jiġu rriformati s-swieq tal-prodotti u s-servizzi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, jitjieb l-ambjent tan-negozju u tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI), jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament, sabiex jitjieb il-funzjonament tal-industriji li jużaw netwerks u jiġu rriformati s-sistemi edukattivi.

17. F'dan l-isfond, il-Kunsill Ewropew b'mod ġenerali approva r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSR) u b'hekk ikkonkluda s-Semestru Ewropew 2014. L-implimentazzjoni tagħhom hija kruċjali sabiex jiġi aċċellerat it-tkabbir. Ibbażat fuq il-prinċipji ta' sjieda nazzjonali u djalogu soċjali, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw ir-rakkomandazzjonijiet fid-deċiżjonijiet tagħhom li jmiss dwar il-baġits, ir-riformi strutturali u l-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali. Il-Kunsill u l-Kummissjoni ser ikomplu jissorveljaw l-implimentazzjoni tas-CSR u jieħdu azzjoni kif meħtieġ.

***Idoneità regolatorja***

18. Il-Kunsill Ewropew irreveda l-progress li sar fil-qasam tal-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni fuq il-bażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Sar ħafna progress fl-implimentazzjoni tal-programm REFIT mill-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE u l-Istati Membri; dan wassal għal tnaqqis effettiv tal-piż regolatorju. Il-Kunsill Ewropew jikkunsidra li l-idoneità regolatorja għandha tibqa' prijorità fil-ħidma tal-istituzzjonijiet. Dan jeħtieġ impenn qawwi lejn is-simplifikazzjoni regolatorja u t-tnaqqis tal-piżijiet fil-ħidma leġislattiva u użu aħjar tal-valutazzjoni tal-impatt u l-evalwazzjoni ex post matul iċ-ċiklu leġislattiv kollu, fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali.

19. Miżuri tal-idoneità regolatorja fil-livell Ewropew għandhom jiġu kkomplementati b'inizjattivi favur l-idoneità regolatorja mill-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ mid-dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà regolatorja għall-benefiċċju ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE.

20. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jipproċedi għal eżami dettaljat tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE u l-Istati Membri mistiedna jkomplu l-implimentazzjoni tal-programm REFIT b'mod ambizzjuż, filwaqt li jieħdu kont tal-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-impjegati kif ukoll tħassib dwar is-saħħa u l-ambjent.

## B. KLIMA U ENERĠIJA

21. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tal-progress li sar lejn deċiżjoni finali f'Ottubru rigward il-qafas għall-klima u l-enerġija 2030 f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2014. F'dan il-kuntest, huwa enfasizza l-importanza li jiġu żviluppati malajr l-elementi ewlenin tal-qafas, u b'mod partikolari, jistenna b'interess il-preżentazzjoni ta' rieżami min-naħa tal-Kummissjoni sa Lulju tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u kif l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tista' tikkontribwixxi għall-qafas għall-klima u l-enerġija 2030. Huwa jerġa' jafferma l-importanza tas-Summit tan-NU dwar il-Klima f'Settembru 2014 u jikkonferma li l-mira speċifika tal-UE għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ser tkun kompletament konformi mal-objettiv ambizzjuż maqbul tal-UE għall-2050.

22. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-Istrateġija Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Enerġija (SESE) tal-Kummissjoni u kellu l-ewwel diskussjoni fuq dik il-bażi. Is-SESE hija marbuta mill-qrib mal-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija 2030. Il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar sforzi biex titnaqqas id-dipendenza għolja tal-Ewropa fuq l-enerġija u jappoġġa l-implimentazzjoni immedjata ta' sett ta' miżuri l-aktar urġenti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa u tiżdied is-sigurtà tal-enerġija tagħha fi żmien qasir, qabel ix-xitwa tal-2014/2015. B'mod partikolari huwa jaqbel li:

- fid-dawl ta' valutazzjonijiet tar-riskju ta' interruzzjoni għal perijodu qasir tal-provvista, ser jissaħħu l-mekkaniżmi ta' emerġenza u ta' solidarjetà eżistenti, inkluża l-ħażna tal-gass, l-infrastruttura ta' emerġenza u flussi fid-direzzjoni opposta, sabiex dan ir-riskju jiġi indirizzat primarjament fl-Istati Membri l-aktar vulnerabbli;

- bil-għan li tiżdied is-sigurtà tal-enerġija tal-UE, l-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija rilevanti, inklużi dawk li jinvolvu pajjiżi terzi, għandhom jiġu segwiti b'rispett sħiħ għar-regoli kollha tas-suq intern tal-UE u r-regoli tal-kompetizzjoni, li għandhom jiġu infurzati b'mod konsistenti;

- l-UE ser tikkoopera mas-sħab internazzjonali tagħha biex jitnaqqas ir-riskju ta' interruzzjoni tal-provvisti tal-enerġija;
- il-Komunità tal-Enerġija, li għandha l-għan li tespandi l-acquis tal-UE dwar l-enerġija għal pajjiżi tat-tkabbir u tal-viċinat, għandha tissaħħaħ sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni tal-acquis f'dawk il-pajjiżi.

Fit-tħejjija għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta’ Ottubru, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill biex ikompli janalizza aktar miżuri għall-perijodu medju u fit-tul biex tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija tal-UE, fuq il-bażi tas-SESE tal-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew enfasizza l-importanza tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, aktar żvilupp tal-produzzjoni domestika, aktar implimentazzjoni u integrazzjoni tas-suq Ewropew tal-enerġija bbażata fuq approċċ reġjonali, aktar trasparenza fuq is-suq tal-gass, u fuq it-trawwim ta’ infrastruttura nieqsa, li jtemmu kwalunkwe iżolament tal-Istati Membri min-netwerks Ewropej tal-gass u tal-elettriku sal-2015. F’konformità mal-għan tal-ikkompletar tas-suq Ewropew tal-enerġija sal-aħħar tal-2014, għandha tiżdied l-interkonnettività, inkluż permezz ta’ eżami ulterjuri tal-mira l-ġdida ta' interkonnessjoni proposta mill-Kummissjoni.

23. Il-Kunsill Ewropew ser jieħu deċiżjoni finali dwar il-qafas il-ġdid tal-politika għall-klima u l-enerġija, inkluż dwar aktar miżuri mmirati għat-titjib tas-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa u dwar l-għanijiet speċifiċi ta' interkonnessjoni 2030, mhux aktar tard minn Ottubru 2014. L-isforzi kollha ser jiġu mobilizzati sabiex tintlaħaq din l-iskadenza miftiehma.

24. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa wkoll l-inizjattiva dwar l-enerġija tal-G7 ta' Ruma li sservi biex timplimenta politiki biex tinbena sistema tal-enerġija aktar kompetittiva, diversifikata u reżiljenti b'emissjonijiet imnaqqsa tal-gassijiet b'effett ta' serra billi jiġi promoss l-użu ta' teknoloġiji sikuri u sostenibbli.

## III. IĊ-ĊIKLU ISTITUZZJONALI LI JMISS

25. Il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni li tipproponi lil Jean-Claude Juncker lill-Parlament Ewropew bħala kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea. Il-President tal-Kunsill Ewropew ser ikollu konsultazzjonijiet fid-dawl ta' ħatriet oħra li għandhom isiru.

26. Huwa qabel dwar l-aġenda strateġika mehmuża. Huwa jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ dawn il-prijoritajiet fil-ħidma tagħhom. L-aġenda tiggwida wkoll lill-istituzzjonijiet fil-programmazzjoni annwali u pluriennali kif ukoll fl-ippjanar leġislattiv; huma għandhom jorganizzaw il-ħidma tagħhom kif adatt. Il-Kunsill Ewropew ser jiżgura l-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet strateġiċi.

27. Ir-Renju Unit qajjem xi preokkuppazzjonijiet marbutin mal-iżvilupp futur tal-UE. Dawn il-preokkuppazzjonijiet ser ikollhom jiġu indirizzati.

    F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew innota li l-kunċett ta' unjoni dejjem eqreb jippermetti toroq differenti ta' integrazzjoni għal pajjiżi differenti, li jippermetti lil dawk li jridu japprofondixxu l-integrazzjoni jimxu 'l quddiem, filwaqt li jirrispetta x-xewqa ta' dawk li ma jridux japprofondixxu aktar.

    Ladarba l-Kummissjoni Ewropea l-ġdida tkun effettivament fis-seħħ, il-Kunsill Ewropew ser jikkunsidra l-proċess għall-ħatra tal-President tal-Kummissjoni Ewropea għall-futur, b'rispett għat-Trattati Ewropej.

## IV. PUNTI OĦRA

28. Il-Kunsill Ewropew jifraħ lil-Litwanja għall-konverġenza li kisbet, ibbażata fuq politiki ekonomiċi, fiskali u finanzjarji tajba, u jilqa' l-fatt li ssodisfat il-kriterji ta' konverġenza kollha kif stabbiliti fit-Trattat. Huwa laqa' l-proposta tal-Kummissjoni li l-Litwanja tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2015.

***Ukraina***

29. Filwaqt li jfakkar fid-Dikjarazzjonijiet tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern dwar l-Ukraina tas-6 ta' Marzu u s-27 ta' Mejju, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Marzu u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar l-Ukraina tat-23 ta' Ġunju, il-Kunsill Ewropew jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-pjan ta' paċi li tħabbar il-ġimgħa li għaddiet mill-President Poroshenko. Huwa jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-President Russu ta' appoġġ fil-prinċipju għall-pjan ta' paċi u d-deċiżjoni tal-Kunsill Federali li jirrevoka l-awtorizzazzjoni li jintużaw forzi Russi biex isir intervent militari fl-Ukraina.

30. Il-Kunsill Ewropew jiddispjaċih li l-waqfien mill-ġlied, għalkemm qed jiġi rispettat mill-awtoritajiet Ukraini, ma wassalx għat-tmiem sħiħ tal-ostilità militari. Għaldaqstant, jappella lill-partijiet kollha biex jimpenjaw ruħhom b'mod ġenwin għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' paċi u biex jikkonsolidaw it-tmiem tal-attivitajiet militari. Iħeġġeġ lill-Federazzjoni Russa biex tuża b'mod attiv l-influwenza tagħha fuq il-gruppi armati illegalment u biex twaqqaf il-fluss ta' armi u militanti minn naħa għall-oħra tal-fruntiera, sabiex jinkisbu riżultati rapidi u tanġibbli fit-tnaqqis tat-tensjoni. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-monitoraġġ mill-OSKE tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' paċi kif ukoll ir-rwol tagħha fl-appoġġ tal-waqfien mill-ġlied u l-istabbiliment ta' kontrolli effettivi fil-fruntiera.

31. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jappoġġa l-proċess ta' stabbilizzazzjoni ekonomika fl-Ukraina u jilqa' ż-żewġ ħlasijiet sinifikanti reċenti mill-Kummissjoni li jammontaw għal EUR 750 miljun fil-qafas tal-Kuntratt għall-Bini tal-Istat u tal-Assistenza Makrofinanzjarja. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-laqgħa ta' koordinazzjoni tad-donaturi ta' livell għoli dwar l-Ukraina li għandha ssir fi Brussell fit-8 ta' Lulju.

32. Wara l-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu u d-deċiżjoni li ma jirrikonoxxix l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni biex tagħti effett lil din il-politika u d-deċiżjoni li tiġi pprojbita l-importazzjoni ta' oġġetti mill-Krimea u Sevastopol li ma jkollhomx ċertifikat Ukrain.

33. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-Kummissjoni Ewropea, is-SEAE u l-Istati Membri wettqu ħidma preparatorja fuq miżuri mmirati, kif talab hu f'Marzu, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu aktar passi mingħajr dewmien. F'dak ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jistenna li sat-Tnejn 30 ta' Ġunju jkunu ttieħdu l-passi li ġejjin :

- jintlaħaq qbil dwar mekkaniżmu ta' verifika, immonitorjat mill-OSKE, għall-waqfien mill-ġlied u għall-kontroll effettiv fil-fruntiera;
- jerġgħu jingħataw it-tliet punti ta' kontroll tal-fruntiera (Izvarino, Dolzhanskiy, Krasnopartizansk) lill-awtoritajiet Ukraini;
- jinħelsu l-ostaġġi inklużi l-osservaturi kollha tal-OSKE;
- jitnedew negozjati sostanzjali dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' paċi tal-President Poroshenko.

Il-Kunsill ser jevalwa s-sitwazzjoni u, jekk ikun meħtieġ, jadotta d-deċiżjonijiet meħtieġa. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-impenn tiegħu li jerġa' jiltaqa' fi kwalunkwe ħin għal aktar miżuri restrittivi sinifikanti.

**********

34. Il-Kunsill Ewropew approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar l-Albanija.

**ANNESS I**

## *AĠENDA STRATEĠIKA GĦALL-UNJONI FI ŻMINIJIET TA' BIDLA*

L-elezzjonijiet Ewropej ta' Mejju 2014 jiftħu ċiklu leġislattiv ġdid. Dan il-mument ta' tiġdid politiku jasal fuqna eżattament kif il-pajjiżi tagħna ħerġin minn snin ta' kriżi ekonomika u kif kibret id-diżillużjoni pubblika bil-politika. Dan huwa ż-żmien it-tajjeb biex nistabbilixxu dak li rridu li l-Unjoni tiffoka fuqu u kif irridu li tiffunzjona.

Illum il-Kunsill Ewropew qabel fuq ħames prijoritajiet sovrastanti li ser jiggwidaw il-ħidma tal-Unjoni Ewropea fil-ħames snin li ġejjin: ekonomiji aktar b'saħħithom b'aktar impjiegi; soċjetajiet kapaċi jirresponsabbilizzaw u jipproteġu; futur sigur għall-enerġija u l-klima siguri; qasam fdat tal-libertajiet fundamentali; azzjoni konġunta effettiva fid-dinja.

Bl-isfidi importanti li għandhom quddiemhom is-soċjetajiet tagħna l-azzjoni f'dawn l-oqsma hija vitali. Għalkemm l-irkupru fl-Ewropa qed jaqbad ir-ritmu, il-qgħad għadu l-akbar preokkupazzjoni tagħna – speċjalment għaż-żgħażagħ – u l-inugwaljanzi qed jiżdiedu. Sadattant l-ekonomija dinjija qed tinbidel malajr. Fl-era diġitali, it-tellieqa għall-innovazzjoni, il-ħiliet u s-swieq iġġiegħel lill-pajjiżi kollha tagħna jantiċipaw u jadattaw sabiex jirnexxu. Ir-riżorsi naturali skarsi, il-prezz tal-enerġija u l-impatt tat-tibdil fil-klima huma sfidi kbar; bħalissa d-dipendenza tal-Ewropa fuq l-enerġija hija vulnerabbiltà. Madwar id-dinja, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu huma raġunijiet ta' tħassib. L-istabbiltà ġeopolitika proprju fil-fruntieri tagħna ma jistgħux jiġu injorati. Ix-xejriet demoġrafiċi huma ta' sfida, bit-tixjiħ tal-popolazzjonijiet li jagħmel pressjoni addizzjonali fuq is-sistemi tas-servizzi soċjali tagħna u l-flussi migratorji irregolari li jeħtieġu tweġiba komuni u azzjoni armonizzata.

F'dan il-kuntest, l-ewwel għan tal-ħidma tal-Unjoni matul is-snin li ġejjin għandu jkun li tgħammar lis-soċjetajiet tagħna għall-futur u li trawwem il-fiduċja.

Il-pajjiżi tal-Ewropa jinsabu f'pożizzjoni unika biex isawru l-bidla – kemm b'mod individwali kif ukoll kollettiv bħala Unjoni. Id-diversità tagħna hija siewja, l-għaqda tagħna ġġib is-saħħa. Fl-Unjoni tagħna, jeżistu livelli differenti ta' kooperazzjoni u integrazzjoni. Il-politika tagħna tat-tkabbir tkompli trawwem id-demokrazija u l-prosperità.

F'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, l-Unjoni għandha tikkonċentra l-azzjoni tagħha fuq oqsma fejn tagħmel differenza reali. Hija m'għandhiex tieħu azzjoni meta l-Istati Membri jistgħu jiksbu aħjar l-istess objettivi. Il-kredibbiltà tal-Unjoni tiddependi fuq il-kapaċità tagħha li tiżgura segwitu adegwat għad-deċiżjonijiet u l-impenji. Dan jirrikjedi istituzzjonijiet b'saħħithom u kredibbli, iżda ser jibbenefika wkoll minn involviment eqreb tal-parlamenti nazzjonali. Fuq kollox, l-enfasi għandha tkun fuq riżultati konkreti – fil-ħames oqsma li ġejjin.

**1. Unjoni ta' impjiegi, tkabbir u kompetittività**

Il-pajjiżi tagħna ħerġin mill-aktar kriżi ekonomika serja f'ġenerazzjoni. Qed naraw sforzi u riformi li jħallu l-frott. Madankollu mhux ser nerġgħu lura għall-wegħdiet tal-imgħoddi. Baqa' sfidi importanti: tkabbir bil-mod, qgħad kbir, investiment pubbliku u privat insuffiċjenti, żbilanċi makroekonomiċi, dejn pubbliku, u nuqqas ta' kompetittività. Aħna nirrispettaw il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Jinħtieġ li l-ekonomiji tagħna kollha jkomplu jwettqu riformi strutturali. Huwa ċar ħafna li s-saħħa komuni tagħna tiddependi fuq is-suċċess ta' kull pajjiż individwali. Huwa għalhekk li l-Unjoni għandha tieħu passi qalbiena biex trawwem it-tkabbir, iżżid l-investimenti, toħloq aktar impjiegi u impjiegi aħjar u tħeġġeġ riformi għall-kompetittività. Dan jirrikjedi wkoll li jsir l-aħjar użu tal-flessibbiltà minsuġa fir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
Ir-rieżami li jmiss tal-istrateġija EU2020 ser ikun okkażjoni tajba biex jinġieb f'konformità sħiħa ma' din l-aġenda strateġika.

Għalhekk il-prijoritajiet li nistabbilixxu għall-Unjoni għall-ħames snin li ġejjin huma:

- **nisfruttaw b'mod sħiħ il-potenzjal tas-suq uniku fid-dimensjonijiet kollha tiegħu**: billi nlestu s-suq intern fi prodotti u servizzi; billi nlestu s-suq uniku diġitali sal-2015;

- **nippromwovu klima ta' intraprenditorija u ħolqien ta' impjieg**, iktar u iktar għall-SMEs: billi niffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament u l-investiment; billi niżguraw regolamentazzjoni finanzjarja aktar reżiljenti; billi ntejbu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u nressqu t-taxxi 'l bogħod mix-xogħol; billi nnaqqsu piżijiet amministrattivi żejda u spejjeż ta' konformità b'mod immirat, li jirrispetta l-protezzjoni tal-konsumatur u l-impjegati kif ukoll il-preokkupazzjonijiet tas-saħħa u tal-ambjent;

- **ninvestu u nħejju l-ekonomiji tagħna għall-futur**: billi nindirizzaw investiment li ilu li kellu jsir fl-infrastruttura tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni kif ukoll fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-innovazzjoni u r-riċerka, il-ħiliet, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni; billi nagħmlu użu sħiħ tal-fondi strutturali tal-UE; billi nimmobilizzaw it-taħlita t-tajba ta' finanzjament privat u pubbliku u niffaċilitaw investimenti fit-tul; billi nużaw u niżviluppaw strumenti finanzjarji, bħal dawk tal-Bank Ewropew tal-Investiment, b'mod partikolari għal proġetti fit-tul; billi nipprovdu l-qafas regolatorju adatt għal investimenti fit-tul;

- **insaħħu l-attrattiva dinjija tal-Unjoni** bħala post ta' produzzjoni u investiment b'bażi industrijali b'saħħitha u kompetittiva u b'agrikoltura li tirnexxi, u nlestu n-negozjati dwar ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali, fi spirtu ta' benefiċċju u trasparenza lejn xulxin u reċiproku, inkluż TTIP, sal-2015;

- **nagħmlu l-Unjoni Ekonomika u Monetarja fattur aktar sod u reżiljenti ta' stabbiltà u tkabbir**: b'governanza taż-żona tal-euro aktar b'saħħitha u koordinazzjoni, konverġenza u solidarjetà aktar b'saħħithom tal-politika ekonomika, filwaqt li nirrispettaw l-integrità tas-suq intern u nippreservaw it-trasparenza u l-attitudni miftuħa fir-rigward tal-pajjiżi tal-UE li ma jagħmlux parti miż-żona tal-euro.

**2. Unjoni li tirresponsabbilizza u tipproteġi liċ-ċittadini kollha**

L-Ewropej ibbenefikaw mill-opportunitajiet offruti minn ekonomiji integrati bi fruntieri miftuħin, iżda l-vantaġġi mhux dejjem ikunu tanġibbli minnufih għal kulħadd. Bosta jesperjenzaw u jibżgħu mill-faqar u l-esklużjoni soċjali. L-Unjoni għandha tkompli tagħmel dak li hija tajba fih u tkompli tiftaħ opportunitajiet, iżda għandha wkoll tiġi perċepita u esperjenzata bħala sors ta' protezzjoni. In-nies jistennew li l-Ewropa tiddefendi l-interessi tagħhom u tipproteġihom minn theddid, iżda wkoll li tirrispetta l-identitajiet tagħhom u s-sens ta' appartanenza. L-Unjoni għandha tkun aktar b'saħħitha fuq barra, u turi aktar interess fuq ġewwa.

Għaldaqstant, waqt li nirrispettaw il-kompetenzi tal-Istati Membri, li huma responsabbli għas-sistemi tas-servizzi soċjali tagħhom, il-prijoritajiet li nistabbilixxu għall-Unjoni f'dan il-qasam għall-ħames snin li ġejjin huma li:

- **tgħin fl-iżvilupp tal-ħiliet u tikxef it-talenti u l-opportunitajiet għall-ħajja għal kulħadd:** billi tintensifika l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ li telqu l-edukazzjoni, l-impjiegi jew it-taħriġ; billi tippromwovi l-ħiliet xierqa għall-ekonomija moderna u t-tagħlim tul il-ħajja; billi tiffaċilita l-mobbiltà tal-ħaddiema, speċjalment f'oqsma b'karigi battala persistenti jew diskrepanza fil-ħiliet; billi tipproteġi waħda mill-erba' libertajiet fundamentali tal-Unjoni, id-dritt taċ-ċittadini kollha tal-UE li jiċċaqalqu liberament u jgħixu u jaħdmu fi Stati Membri oħra, inkluż minn użu ħażin possibbli jew talbiet frodulenti;

- **tiggarantixxi kondizzjonijiet ġusti:** billi tiġġieled l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa sabiex kulħadd jikkontribwixxi s-sehem ġust tiegħu;

- **tgħin biex tiżgura li s-soċjetajiet kollha tagħna jkollhom il-protezzjoni tagħhom fis-seħħ biex jakkumpanjaw il-bidla u jreġġgħu lura l-inugwaljanzi**, b'sistemi ta' protezzjoni soċjali li huma effiċjenti, ġusti u xierqa għall-futur; fil-fatt, l-investiment fil-kapital uman u n-nisġa soċjali huwa wkoll importanti għall-prospetti ta' prosperità fit-tul għall-ekonomija Ewropea.

**3. Lejn Unjoni tal-Enerġija li tħares 'il quddiem lejn il-politika dwar il-klima**

Avvenimenti ġeopolitiċi, il-kompetizzjoni dinjija fl-enerġija u l-impatt tat-tibdil fil-klima qed iwasslu għal evalwazzjoni mill-ġdid tal-istrateġija tagħna għall-enerġija u l-klima. Għandna nevitaw id-dipendenza sa punt tant għoli tal-Ewropa fuq l-importazzjonijiet tal-karburant u l-gass. Biex niżguraw li l-ġejjieni tal-enerġija tagħna qiegħed taħt kontroll sħiħ, aħna rridu nibnu Unjoni tal-Enerġija bil-għan ta' enerġija bi prezzijiet li jintlaħqu, sigura u sostenibbli. L-effiċjenza fl-użu tal-enerġija hija essenzjali, peress li l-irħas u l-iktar enerġija nadifa hija dik li ma tiġix ikkunsmata.

Fid-dawl ta' din l-isfida, il-politiki tagħna dwar l-enerġija u l-klima għall-ħames snin li ġejjin iridu jiffukaw fuq:

- **enerġija bi prezzijiet li jintlaħqu** għall-kumpanniji u ċ-ċittadini: billi tiġi moderata d-domanda għall-enerġija grazzi għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; billi jiġi kkompletat is-suq integrat tal-enerġija tagħna; billi jinstabu mezzi biex tiżdied is-setgħa ta' negozjar tal-Unjoni; billi tiżdied it-trasparenza fis-suq tal-gass; billi jiġu stimulati r-riċerka, l-iżvilupp u l-bażi industrijali Ewropea fil-qasam tal-enerġija;

- **enerġija sigura** għall-pajjiżi kollha tagħna: billi tiġi aċċellerata d-diversifikazzjoni tal-provvista u r-rotot tal-enerġija, inkluż permezz ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, siguri u sostenibbli u indiġeni oħra, bħala mezz kif titnaqqas id-dipendenza fuq l-enerġija, b'mod partikolari fuq sors jew fornitur uniku, billi tiġi żviluppata l-infrastruttura neċessarja bħal interkonnessjonijiet; billi l-atturi privati u pubbliċi jingħataw il-qafas ta' ppjanar it-tajjeb sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet dwar investiment medju sa dak fit-tul;

- **enerġija ekoloġika**: billi titkompla titmexxa l-ġlieda kontra t-tisħin globali qabel il-laqgħa COP 2015 tan-Nazzjonijiet Uniti f'Pariġi u lil hinn, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' miri ambizzjużi għall-2030 li huma f'konformità sħiħa mal-objettiv maqbul tal-UE għall-2050.

**4. Unjoni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja**

Iċ-ċittadini jistennew li l-gvernijiet tagħhom jipprovdu ġustizzja, protezzjoni u kondizzjonijiet ġusti b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt. Dan jirrikjedi wkoll azzjoni konġunta Ewropea, ibbażata fuq il-valuri fundamentali tagħna. Minħabba d-dimensjonijiet transkonfinali tagħhom, fenomeni bħat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata jitolbu kooperazzjoni aktar b'saħħitha mill-UE. L-istess jgħodd għal kwistjonijiet ta' ġustizzja, peress li ċ-ċittadini qegħdin jistudjaw, jaħdmu, jinnegozjaw, jiżżewġu u jkollhom it-tfal dejjem aktar fl-Unjoni. Sfida oħra fis-snin li ġejjin hija l-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni, li qed jiżdiedu minħabba l-instabbiltà u l-faqar f'partijiet kbar tad-dinja u x-xejriet demografiċi – kwistjoni li tirrikjedi solidarjetà u responsabbiltà, u kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà.

Għalhekk il-prijoritajiet li nistabbilixxu għall-Unjoni għall-ħames snin li ġejjin huma:

- **ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni fl-aspetti kollha tagħha**: billi nindirizzaw nuqqasijiet ta' ħiliet speċifiċi u niġbdu t-talent; billi nittrattaw b'mod aktar sod il-migrazzjoni irregolari, anki permezz ta' kooperazzjoni aħjar ma' pajjiżi terzi; inkluż dwar ir-riamissjoni; billi nipproteġu lil dawk fil-bżonn permezz ta' politika b'saħħitha tal-asil; b'ġestjoni msaħħa u moderna tal-fruntieri esterni tal-Unjoni;

- **prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu**: billi jittieħdu miżuri stretti kontra l-kriminalità organizzata, bħat-traffikar, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin tal-bnedmin u ċ-ċiberkriminalità; billi tiġi ttrattata l-korruzzjoni; billi jiġi miġġieled it-terroriżmu u ssir ħidma kontra r-radikalizzazzjoni – filwaqt li jiġu garantiti d-drittijiet u l-valuri fundamentali, inkluża l-protezzjoni ta' data personali;

- **titjib fil-kooperazzjoni ġudizzjarja fost il-pajjiżi tagħna**: billi jinbnew rabtiet bejn is-sistemi u t-tradizzjonijiet ta' ġustizzja differenti; billi jissaħħu l-għodod komuni, inkluż il-Eurojust; permezz ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi, sabiex iċ-ċittadini u l-kumpanniji jkunu jistgħu jħaddmu aktar faċilment id-drittijiet tagħhom fl-Unjoni kollha.

**5. L-Unjoni bħala attur dinji b'saħħtu**

Avvenimenti reċenti juru kemm l-ambjent strateġiku u ġeopolitiku sar jinbidel malajr, iktar u iktar fil-fruntieri tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Unjoni. L-instabbiltà fil-viċinat usa' tagħna hija akbar minn qatt qabel. Fl-istess waqt qatt ma kien daqstant importanti li ninvolvu lis-sħab tagħna fi kwistjonijiet ta' interess reċiproku jew dinji. Biex niddefendu l-interessi u l-valuri tagħna u biex nipproteġu liċ-ċittadini, involviment aktar b'saħħtu mill-Unjoni Ewropea f'affarijiet dinjija huwa kruċjali.

Il-prijoritajiet tal-politika barranija li ġejjin għalhekk ser ikunu importanti fis-snin li ġejjin:

- **inkabbru l-influwenza tagħna kemm jista' jkun**: billi tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-miri tal-Istati Membri u tal-politika barranija tal-UE u billi jitjiebu l-koordinazzjoni u l-koerenza bejn l-oqsma prinċipali tal-azzjoni esterna tal-UE, bħall-kummerċ, l-enerġija, il-ġustizzja u affarijiet interni, il-politika dwar l-iżvilupp u l-politika ekonomika;

- **inkunu sieħeb b'saħħtu fil-viċinat tagħna**: billi nippromwovu l-istabbiltà, il-prosperità u d-demokrazija fil-pajjiżi l-eqreb tal-Unjoni, fil-kontinent Ewropew, fil-Mediterran, fl-Afrika u fil-Lvant Nofsani;

- **ninvolvu lis-sħab strateġiċi dinjija tagħna, b'mod partikolari s-sħab transatlantiċi tagħna,** f'firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet – mill-kummerċ u ċ-ċibersigurtà sad-drittijiet tal-bniedem u l-prevenzjoni tal-kunflitti, san-nonproliferazzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet – bilateralment u f'fora multilaterali;

- **niżviluppaw il-kooperazzjoni fis-sigurtà u d-difiża** sabiex inkunu nistgħu nħarsu l-impenji u r-responsabbiltajiet tagħna madwar id-dinja: billi nsaħħu l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni; f'komplementarjetà sħiħa man-NATO; billi niżguraw li l-Istati Membri jżommu u jiżviluppaw il-kapaċitajiet ċivili u militari neċessarji, inkluż permezz tal-akkomunament u l-kondiviżjoni; b'industrija ta' difiża Ewropea aktar b'saħħitha.

*****

**ANNESS II**

## DOKUMENTI APPROVATI MILL-KUNSILL EWROPEW

- *Rapport tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2014*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar l-Albanija*
- *Strateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2014 dwar ir-rapport annwali dwar l-Għajnuna Uffiċjali tal-UE għall-Iżvilupp*